A.L. 165 ta' l-1993

ATT DWAR L-ENEMALTA
(KAP. 272)

Regolamenti ta' l-1993 li jemendaw ir-Regolamenti fuq il-Provvista taʼ-Kurrent Elettriku (Emenda Nru. 2)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 39 tal-Att dwar l-Enemalta, l-Enemalta, bl-approvazzjoni tal-Ministru għall-Ambjent, għamlet ir-regolamenti li ġejjin:—

Titolu u bidu fis-seħħ.

G.N. 223 ta' l-1940.

1. (1) Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti tal-1993 li jemendaw ir-Regolamenti fuq il-Provvista tal-Kurrent Elettriku (Emenda Nru. 2), u għandhom jinqraw u jiftehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti tal-1939 fuq il-Provvista tal-Kurrent Elettriku, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali".

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jibdew iseħħu fl-1 ta' Diċembru, 1993.

Jemenda r-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali.

2. Ir-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu (2) tiegħu, minflok il-kliem "4 milleżmi" għandhom jidħlu l-kliem "10 ċenteżmi";

(b) minflok il-paragrafu (3) tiegħu, għandu jidħol dan li ġej:

"(3) F'applikazzjoni għal servizz ġdid ikun irid jingħata t-tagħrif kollu meħtieġ rigward l-istallazzjoni inkluż il-vultaġġ, il-kapaċità espressa f'kilowatts (KW), il-*power factor* u kull tagħrif ieħor relatat mal-provvista tal-elettriku kif indikat fl-applikazzjoni."; u

(ċ) minnufih wara l-paragrafu (5) tiegħu, għandu jiżdied dan il-paragrafu ġdid li ġej:

"(6) Servizz tal-elettriku wieħed jiġi installat ġo djar, appartamenti, fabbriki, lukandi, ħwienet, uffiċċji u bini ieħor li fiżikament jinfdu minn ġewwa, jekk ma jkunx hemm il-permess taċ-*Chairman* bil-miktub.".

Jissostitwixxi t-Taqsima VIII tar-regolamenti prinċipali.

3. Minflok it-Taqsima VIII, regolamenti 11 u 12, tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"VIII A *Servizzi tal-elettriku u Kontribuzzjonijiet għas-sistema ta' Vultaġġ Għoli għal provvista ta' elettriku li tingħata minn sistema eżistenti ta' Vultaġġ Baxx*

11. Is-servizzi tal-elettriku għandhom jitwasslu mill-Enemalta.

12. (a) Il-ħlas ta' Lm50 irid isir ma' kull applikazzjoni għal servizz ta' *Single Phase* sa kapaċità ta' 30 Amp u ħlas ta' Lm150 irid isir ma' kull applikazzjoni għal servizz ta' *Three Phase* sa kapaċità ta' 60 Amp. Dan il-ħlas iżda japplika biss fejn is-servizz mitlub (fejn jeħel il-*meter*) ma jkunx iżjed il-bogħod minn 150 metru mill-eqreb fergħa prinċipali li tkun taqbel għall-vultaġġ baxx. Servizz għal *Single Phase* ikollu kapaċità massima sa 30 Amp biss.

(b) Fejn id-distanza biex jingħata s-servizz teċċedi l-150 metru, il-konsumatur ikollu jħallas l-ispiża kollha biex jiġi provdut bis-servizz, iżda ma jsirx il-ħlas li jidher f'paragrafu 12(a) hawn fuq. Il-ħlas minimu jkun ta' Lm70 għal *Single Phase* u Lm200 għal *Three Phase*.

(ċ) Fejn id-domanda tal-elettriku teċċedi 60 Amps, l-applikant irid iħallas l-ispiża kollha għal estenzjoni tal-Vultaġġ Baxx kif ukoll ħlas ta' Lm13 għal kull KVA bħala kontribuzzjoni għas-sistema ta' Vultaġġ Għoli. F'dan il-każ ma jsir l-ebda ħlas ieħor biex titwassal l-estenzjoni tal-elettriku.

(d) Servizzi għad-domanda ta' kurrent ta' iżjed minn 60A ma jiġux imqabbda mas-sistema ta' fili 'l fuq mill-art, u l-anqas minn fili ta' taħt l-art li jkunu oriġinarjament ġejjin minn fili minn fuq.

VIII B *Servizzi tal-elettriku li jirrikjedu bini ta' Transformer Centre jew Substation*

12A. (a) Fejn id-domanda għall-elettriku tirrikjedi l-bini ta' *transformer centre* jew *substation,* il-konsumatur ikun irid iħallas l-ispejjeż kollha għat-*transformer centre* jew *substation* inklużi l-art u l-bini. L-art, il-bini tas-*substation* u l-apparat kollu installat, isir proprjetà tal-Enemalta hekk kif jiġi magħqud mas-sistema tad-distribuzzjoni tal-elettriku tal-Korporazzjoni u għalhekk irid jiġi provdut aċċess għall-ħaddiema, kuntratturi u apparat tal-Enemalta f'kull ħin. Fejn it-*transformer centre* jew is-*substation* ikunu għall-użu biss tal-konsumatur, il-*meter* jiġi installat fuq in-naħa tal-Vultaġġ Għoli. Il-Korporazzjoni tkun obbligata żżomm it-*transformer centre* jew is-*substation* mantenuti sewwa. F'każ li wara, konsumaturi oħrajn inklużi l-Enemalta, ikun hemm bżonn li jagħmlu użu minn dan is-*substation* jew *transformer centre,* huma jkunu jridu jikkontribwixxu u jirrifondu lill-konsumatur oriġinali bir-rata ta' Lm8 kull KVA li jiddomandaw. Din il-kundizzjoni tibqa' tgħodd sa 10 snin mid-data ta' meta s-*substation* jew *transformer centre* jkun ġie mħaddem. L-applikant li jiffinanzja *substation* ġdid jew *transformer centre* jew parti minnhom irid iħalli l-Enemalta tissupplixxi konsumaturi oħra minn dik is-*substation* jew *transformer*

centre wara li jkunu saru r-rifużjonijiet neċessarji avolja jkun hemm bżonn li jgħaddu fili ġodda mill-proprjetà tiegħu.".

4. Fir-regolament 14 tar-regolamenti prinċipali, għandu jidħol wara s-sentenza li ttemm bil-kliem "*neutral conductor.*" dan li ġej: Jemenda r-regolament 14 tar-regolamenti prinċipali.

"Għandu jiġi stallat fuq in-naħa tal-istallazzjoni interna ħdejn is-*switch* prinċipali — *Earth Leakage Circuit Breaker*. Dan l-*Earth Leakage Circuit Breaker* irid ikollu sensittività biex jinqata' ta' mhux aktar minn 30 mA ta' passaġġ ta' kurrent *to earth* fejn l-istallazzjoni interna tkun sa 60 Amps. Dan l-*Earth Leakage Circuit Breaker* irid ikollu l-faċilità isirulu testijiet li jikkonfermaw l-intervent tiegħu meta jkun hemm passaġġ ta' kurrent *to earth*. Barra minn hekk kull konsumatur irid jipprovdi *earthing* separat forma ta' *Earth Electrode*, li trid tiġi stallata kif jitolbu r-regolamenti ta' l-Enemalta. Pajpijiet tal-ilma ma humiex aċċettabbli aktar għal *earthing*.".

5. Minflok ir-regolament 16 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej: Jissostitwixxi r-regolamenti 16 tar-regolamenti prinċipali.

"16. (1) Għandu jkun hemm żewġ kwalitajiet ta' liċenzji:

(a) *Wireman's licence* A għal dawk il-persuni li jkunu awtorizzati li jagħmlu stallazzjonijiet tas-*single phase* biss.

(b) *Wireman's licence* B għal dawk il-persuni li jkunu awtorizzati li jagħmlu stallazzjonijiet kemm fuq is-*single phase* kif ukoll fuq it-*three phase*.

(2) Il-liċenzji tal-*Wireman* jinħarġu miċ-*Chairman* tal-Enemalta fuq rakkomandazzjonijiet tal-Bord tal-Liċenzji ta' l-Elettriku lill-persuni li jkunu:

(a) għaddew mill-eżami miżmum apposta mir-Reġistratur tal-Eżamijiet għan-nom ta' l-Enemalta, u

(b) li jkunu għalqu t-18-il sena, u

(ċ) li jkollhom sena esperjenza fuq ix-xogħol ta' stallazzjonijiet ta' l-elettriku għal dawk li jridu liċenzja A u sentejn esperjenza għal dawk li jridu liċenzja B.

(3) (a) L-eżami għal dawn il-Liċenzji għandu jsir mill-inqas darba fis-sena f'data jew dati stabbiliti mir-Reġistratur tal-Eżamijiet. Avviż jiġi mogħti ta' l-anqas xahrejn qabel ma jsir l-eżami fil-Gazzetta tal-Gvern.

(b) Is-sillabus għal dan l-eżami jiġi stabbilit mill-Bord tal-Liċenzji tal-Elettriku.

(ċ) Meta s-sillabus jiġi rivedut għandu jiġi pubblikat sentejn qabel ma jsir xi eżami fuqu.

(4) Il-Liċenzji tal-*Wireman* iridu jiġġeddu kull sena u jibqgħu validi għal sena li tibda sseħħ mill-ewwel ta' Jannar tas-sena li jkunu ħarġu fiha. Ikun irid isir ħlas ta' Lm5 biex tinħareġ jew tiġġedded Liċenzja A u Lm10 biex tinħareġ jew tiġġedded Liċenzja B. Id-detentur tal-Liċenzja B ikollu wkoll id-drittijiet tal-Liċenzja A. Jekk applikazzjoni ma ssirx sa xahrejn wara li jkun għalaq iż-żmien li fih il-liċenzja ta' qabel tkun valida, biex tiġġedded liċenzja, ikun irid isir ħlas addizzjonali ta' Lm5.

(5) (a) L-applikazzjoni biex tinħareġ xi Liċenzja tal-*Wireman* trid issir liċ-*Chairman* tal-*Enemalta*. L-applikazzjoni trid tkun akkompanjata miċ-ċertifikat tal-eżami li juri li l-applikant ikun għadda fih, ċertifikat tat-twelid maħruġ mir-Reġistratur Pubbliku u ċertifikati oħra li jikkonfermaw l-esperjenza fix-xogħol ta' l-istallazzjonijiet tal-elettriku mill-applikant. Iċ-ċertifikati tal-esperjenza fix-xogħol għandhom jiġu firmati minn persuna oħra li tkun diġà liċenzjata f'dan ix-xogħol u li taħtu tkun ittieħdet l-esperjenza prattika.

(b) Il-Bord tal-Liċenzji tal-Elettriku jeżamina l-applikazzjonijiet u jiddeċiedi jekk l-esperjenza prattika li tkun ittieħdet tkunx ta' livell sodisfaċenti.

(6) Iċ-*Chairman*, fuq rakkomandazzjoni tal-Bord tal-Liċenzji tal-Elettriku jista' jeżenta lil applikant milli joqgħod jew għall-eżami kollu jew xi parti minnu, jekk l-istess Bord ikun sodisfatt li l-applikant għandu kwalifiki tajba biżżejjed li jeżentawh milli joqgħod għall-eżami kollu jew parti minnu. Ħlas ta' Lm5 ikun irid isir ma' kull applikazzjoni f'dan ir-rigward.".

Jemenda r-regolament 17 tar-regolamenti prinċipali.

6. Ir-regolament 17 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) minflok il-paragrafu (1) tiegħu għandu jidħol dan li ġej:

"(1) L-*electrician* li jkollu l-liċenzja jrid jissodisfa ruħu dwar il-kundizzjoni tal-istallazzjoni li jkun lesta u jekk din tkunx adattata qabel jiffirma kull applikazzjoni dwar is-servizz tal-elettriku, jiġifieri jikkonferma li l-fili, l-*fittings* u kull apparat ieħor li jġorr il-kurrent ikunu ta' daqs u ta' saħħa biżżejjed għall-iskop li għalih l-elettriku jkun ser jintuża, u jkunu magħmula, stallati u protetti biex jiġi evitat il-periklu sakemm huwa raġonevolment possibbli. Id-detentur tal-liċenzja jkun irid jissodisfa ruħu:";

(b) il-paragrafu introduttorju tal-paragrafu (2) tiegħu u l-enumerazzjoni relattiva (2) għandu jitħassar u l-kontenut tas-subparagrafi (a) sa (j) għandu jiżdied mal-paragrafu (1) ġdid imsemmi qabel;

(ċ) fis-subparagrafu (i) tal-paragrafu (1) ġdid tiegħu minflok il-kliem "erba' piedi" għandhom jidħlu l-kliem "1.2 metri";

(d) fil-paragrafu (1) ġdid tiegħu, minnufih wara s-subparagrafu (i) għandhom jiżdiedu dawn is-subparagrafi ġodda li ġejjin:

"(k) Fejn il-provvista tal-ilma ġo post tkun ġejja minn xi tank tal-ilma fuq il-bejt, il-pajpijiet tal-metall tad-dħul u l-ħruġ iridu jiġu magħqudin ma' xulxin għal skop ta' elettriku.

(l) Jekk xi konsumatur ikollu l-liċenzja biex juża ġeneratur fl-istallazzjoni tiegħu, il-ġeneratur irid ikun ikkonnettjat ma' l-istess stallazzjoni permezz ta' *four pole changeover switch.*

(m) Fejn jinstab li waqt li konsumatur ikun qed juża l-elettriku jkun qed jeffettwa ħażin is-servizz mogħti mill-Korporazzjoni lill-konsumaturi oħra, l-ewwel konsumatur ikun irid jinstalla għas-spejjeż tiegħu u fuq il-post tiegħu apparat biex jikkoreġi u jipproteġi s-sistema tad-distribuzzjoni. Dawn il-każi jinkludu fost oħrajn varjazzjoni irregolari tal-vultaġġ u ġenerazzjoni ta' *harmonics.*"; u

(e) minflok il-paragrafi (3), (4) u (5) tiegħu, għandu jidħol dan li ġej:

"(2) Kull stallazzjoni li tkun tikkonforma mar-regolamenti tal-I.E.E. titqies li tkun tikkonforma ma' dawn ir-regolamenti.

(3) Iċ-*Chairman* iżomm id-dritt li jitlob li stallazzjoni qabel ma tiġi konnettjata mal-provvista tal-elettriku ta' l-Ġnemalta tkun tikkonforma ma' xi regolamenti tal-I.E.E.".

Jissostitwixxi r-regolament 18 sa 25 tar-regolamenti prinċipali.

7. Minflok ir-regolamenti 18 sa 25 tar-regolamenti prinċipali, għandu jidħol dan li ġej:

"18. It-testijiet fuq l-istallazzjoni wara li titlesta jridu jsiru mill-persuna li tkun liċenzjata bħala *electrician,* u jkun irid jissottometti r-riżultati ffirmati u stampati minnu mal-applikazzjoni għas-servizz tal-elettriku.

19. Ir-riżultati tat-testijiet jkunu jridu jitniżżlu fuq formola preskritta mal-applikazzjoni għas-servizz tal-elettriku. Dawn ir-riżultati flimkien ma' *Schematic* u *Wiring Layout Drawings* tal-istallazzjoni tal-elettriku jintbagħtu mal-applikazzjoni għas-servizz tal-elettriku. Id-*Drawings* ikunu jridu juru t-tip u l-kompożizzjoni taċ-ċirkwiti u l-mezzi u l-post tal-protezzjoni u isolazzjoni fl-istallazzjoni.

20. Id-disinn ta' stallazzjoni ta' kapaċità ta' 300 Amp jew iktar, kif ukoll ir-riżultat tat-testijiet ta' l-istess stallazzjoni meta titlesta jridu jkunu wkoll ċertifikati minn inġinier kwalifikat fl-inġinerija elettrika.

21. L-Enemalta teżamina l-formola ta' l-applikant u ċ-ċertifikati tat-testijiet. Jekk dawn ikunu aċċettabli, l-applikant jingħata s-servizz.

22. Jekk iċ-ċertifikati tat-testijiet ma jissodisfawx lill-Enemalta, dawn jintbagħtu lura lill-applikant u dan ikun irid iħallas is-somma ta' Lm5.

23. (a) L-Enemalta żżomm id-dritt li tivverifika kull stallazzjoni f'kull ħin dment li din tkun ikkonnettjata mas-sistema tad-distribuzzjoni tal-elettriku. Jekk f'xi ħin din ma tinstabx konformi ma' dawn ir-regolamenti, il-provvista ta' l-elettriku tista' tiġi sospiża sakemm isiru l-alterazzjonijiet u t-tiswijiet meħtieġa fl-istallazzjoni biex din tikkonforma mar-regolamenti.

(b) Fejn stallazzjoni, wara li tiġi ttestjata mill-Enemalta, tinstab difettuża jew ma taqbilx mal-*wiring diagram* li tintbagħat mal-applikazzjoni, id-detentur tal-liċenza jiġi mwissi bil-miktub fuq l-ewwel każ. Jekk imbagħad l-Enemalta terġa' ssib xi stallazzjoni oħra difettuża li tkun ġiet ċertifikata mill-istess detentur, il-liċenza ta' dak id-detentur tiġi sospiża.

24. Jekk stallazzjoni li tkun instabet difettuża ma tiġix irranġata biex titqabbad mas-sistema fi żmien xahar mid-data ta' l-ewwel test, il-konsumatur ikun irid iħallas l-ispejjeż kollha li tkun għamlet l-Enemalta biex wasslet is-servizz tal-elettriku fil-post u biex twaħħal il-*main fuse box* u l-*meter* u dan suġġett għal ħlas ta' ammont minimu ta' Lm100.

25. Ikun irid isir ħlas ta' Lm5 għal kull darba li jsir xi test fuq dik l-istallazzjoni wara li tkun instabet difettuża.".

Jissostitwixxi l-intestatura tat-Taqsima X u r-regolament 31 tar-regolamenti prinċipali.

8. Minflok l-intestatura tat-Taqsima X u r-regolament 31 tar-regolamenti prinċipali, għandu jidħol dan li ġej:—

"X *Pagamenti għall-estenzjoni tal-elettriku u/jew kontribuzzjoni għall-Vultaġġ Għoli*

31. L-ispejjeż għall-estenzjoni tal-elettriku u/jew kontribuzzjoni għall-Vultaġġ Għoli jkunu jridu jitħallsu lill-Enemalta kif ġej:—

(a) Stimi taħt l-Lm1,000 jkunu jridu jitħallsu kollha mal-kuntratt.

(b) Stimi 'l fuq minn Lm1,000 jkunu jridu jitħallsu 50% mall-kuntratt u 50% qabel ma din l-estenzjoni tiġi konnettjata mas-sistema tal-elettriku tal-Enemalta iżda suġġetta għall-ewwel ħlas minimu ta' Lm1,000.".

Jemenda r-regolament 56 tar-regolamenti prinċipali.

9. Ir-regolament 56 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:—

(a) fil-paragrafu (1) tiegħu, minflok il-kelma "12c5" għandha tidħol "Lm2"; u

(b) fil-paragrafu (2) tiegħu, minflok il-kelma "Lm6" għandha tidħol "Lm50".

Jissostitwixxi r-regolament 69 tar-regolamenti prinċipali.

10. Minflok ir-regolament 69 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:—

"69. Dawn id-drittijiet li ġejjin għandhom jinġabru dwar kull qari speċjali bħal dak indikat fir-regolament 68 ta' dawn ir-regolamenti:—

(a) għal qari li jsir bejn is-7 a.m. u l-5 p.m. — Lm2

(b) għal qari li jsir bejn il-5 p.m. u d-9 p.m. — Lm5

(ċ) għal qari li jsir bejn id-9 p.m. u s-7 a.m. — Lm10.".

Jemenda r-regolament 73 tar-regolamenti prinċipali.

11. Il-proviso li hemm mar-regolament 73 tar-regolamenti prinċipali għandu jitħassar.

Jissostitwixxi r-regolamenti 76 u 77 tar-regolamenti prinċipali.

12. Minflok ir-regolamenti 76 u 77 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:—

"76. Meta jsir il-pagament, l-Enemalta terġa' tagħti l-kurrent tal-elettriku jew terġa tinstalla l-*meter* l-għada li jsir il-ħlas dovut.

77. Dak il-konsumatur li jkollu l-kurrent elettriku sospiż taħt ir-regolament 73 ta' dawn ir-regolamenti jkun irid iħallas Lm10 bil-quddiem qabel jiġi restitwit il-kurrent elettriku lilu. Dan l-ammont ikun bħala *reconnection fee* għall-ispejjeż kollha li tkun involuta fihom l-Enemalta biex tneħħi u terġa' trodd lura l-kurrent elettriku.".

Jissostitwixxi r-regolament 79A tar-regolamenti prinċipali.

13. Minflok ir-regolament 79A tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:—

"79A. Dawn id-drittijiet ta' kull sena li ġejjin għandhom jinġabru għall-ħruġ u tiġdid ta' liċenza għall-użu ta' apparat ta' ġeneratur skond il-paragrafu (a) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 38 ta' l-Att dwar l-Enemalta:—

Ġeneraturi *standby* u li jaħdmu kontinwament:—

sa daqs ta' 15 KVA u aktar — Lm50 fis-sena

sa daqs taħt il-15 KVA — Lm10 fis-sena.".

Jiżdied ir-regolament 85B ġdid mar-regolamenti prinċipali.

14. Minnufih wara r-regolament 85A tar-regolamenti prinċipali għandu jiżdied dan ir-regolament ġdid li ġej:—

"85B. Għandu jiġi provdut apparat li ma jħallix muturi jistartjaw awtomatikament meta minħabba dak l-istartjar jista' jinħoloq xi periklu.".

Jemenda r-regolament 89 tar-regolamenti prinċipali.

15. Fir-regolament 89 tar-regolamenti prinċipali minflok il-kliem "ħamsin ċenteżmu" għandha tidħol il-kelma "Lm2".